Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 161/20**
il-Lussemburgu, 17 ta' Diċembru 2020

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-808/18
Il-Kummissjoni vs L-Ungerija

# L-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni fir-rigward ta' proċeduri relatati mal-għoti tal-protezzjoni internazzjonali u r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirrisjedu illegalment

*B'mod partikolari, il-limitazzjoni tal-aċċess għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali, id-detenzjoni irregolari ta' applikanti għal din il-protezzjoni f'żoni ta' tranżitu kif ukoll li jittieħdu lura lejn żona tal-fruntiera ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirrisjedu illegalment, mingħajr ma jirrispettaw il-garanziji ta' proċedura ta' ritorn, jikkostitwixxu nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tad-dritt tal-Unjoni*

Bi tweġiba għall-kriżi tal-migrazzjoni u l-wasla konsegwenti ta' ħafna applikanti għal protezzjoni internazzjonali, l-Ungerija adattat il-leġiżlazzjoni tagħha dwar id-dritt għall-ażil u r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirrisjedu illegalment. Pereżempju, il-Liġi tal-2015 [1] b'mod partikolari pprevediet il-ħolqien ta' żoni ta' tranżitu, li jinsabu fuq il-fruntiera Serbo-Ungeriża [2], li fihom jiġu applikati l-proċeduri tal-ażil. Din il-liġi introduċiet ukoll il-kunċett ta' "sitwazzjoni ta' kriżi kkawżata minn immigrazzjoni massiva", li twassal, meta tali sitwazzjoni tiġi ddikjarata mill-gvern, għall-applikazzjoni ta' regoli derogatorji bħala regoli ġenerali. Fl-2017, liġi ġdida [3] wessgħet il-każijiet li jippermettu li ssir dikjarazzjoni tal-eżistenza ta' tali sitwazzjoni ta' kriżi u emendat id-dispożizzjonijiet li jippermettu derogi għad-dispożizzjonijiet ġenerali.

Fl-2015, il-Kummissjoni Ewropea kienet diġà esprimiet lill-Ungerija d-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni tagħha fil-qasam tal-ażil mad-dritt tal-Unjoni. Il-Liġi tal-2017 qajmet tħassib supplementari. Hija qegħda tikkritika lill-Ungerija b'mod partikolari talli għandha, bi sfida għall-garanziji materjali u proċedurali previsti mid-Direttivi "proċeduri" [4], "akkoljenza" [5] u "ritorn" [6], tillimita l-aċċess għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali, u talli stabbilixxiet sistema ta' detenzjoni ġġeneralizzata tal-applikanti għal din il-protezzjoni, u talli ħadet lura bil-forza, lejn strixxa ta' art fuq il-fruntiera, ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu qegħdin jirrisjedu illegalment, mingħajr ma tirrispetta l-garanziji previsti mid-Direttiva "Ritorn". F'dan il-kuntest, hija ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi kkonstatat li parti sostanzjali tal-leġiżlazzjoni Ungeriża f'dan il-qasam tinjora ċerti dispożizzjonijiet ta' dawn id-direttivi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, li ltaqgħet bħala Awla Manja, laqgħet il-parti prinċipali tar-rikors tal-Kummissjoni għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

---

1 Egyes törvényeknek a tömeges bevándorlás kezelésével összefüggő módosításáról szóló 2015. évi CXL. törvény (Liġi Nru CXL tal- 2015 li temeda ċerti liġijiet f'kuntest ta' ġestjoni tal-immigrazzjoni massiva) (Magyar Közlöny 2015/124).
2 Iż-żoni ta' tranżitu ta' Röszke u ta' Tompa.
3 Határőrizeti területen lefolytatott eljárás szigorításával kapcsolatos egyes törvények módosításáról szóló 2017. évi XX. törvény (Liġi Nru XX tal-2017 li temenda ċerti liġijiet dwar it-tisħiħ tal-proċedura applikata fiż-żona tal-fruntiera ssorveljata) (Magyar Közlöny 2017/39).
4 Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'Proċeduri'").
5 Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 96) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'Akkoljenza'").
6 6 Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'Ritorn'").

Kunsiderazzjonijiet tal Qorti tal-Ġustizzja

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li hija diġà tat deċiżjoni dwar uħud mill-kwistjonijiet imqajma minn dan ir-rikors f'sentenza reċenti [7], mogħtija fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari sottomess minn qorti Ungeriża. Hija tinnota wkoll li, sabiex tikkonforma ma' din is-sentenza, l-Ungerija minn dakinhar għalqet iż-żewġ żoni ta' tranżitu tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika, madankollu, li dan l-għeluq ma għandu l-ebda impatt fuq l-azzjoni preżenti, peress li s-sitwazzjoni trid tiġi evalwata fid-data li kienet ġiet stabbilita mill-Kummissjoni fl-opinjoni motivata tagħha sabiex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet osservati, jiġifieri t-8 ta' Frar 2018.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Ungerija **naqset mill-obbligu tagħha li tiżgura aċċess effettiv għall-proċedura għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali [8], peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jixtiequ jaċċedu, mill-fruntiera Serbo-Ungeriża, għal din il-proċedura ġew ikkonfrontati, fil-fatt, bil-kważi impossibbiltà li jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom.** Dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jirriżulta minn kombinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jgħidu li l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali jistgħu, bħala regola ġenerali, jiġu ppreżentati biss f'waħda miż-żewġ żoni ta' tranżitu, u ta' prassi amministrattiva kostanti u ġġeneralizzata, stabbilita mill-awtoritajiet Ungeriżi, li tikkonsisti f'li tillimita drastikament in-numru ta' applikanti awtorizzati li jidħlu f'dawn iż-żoni kuljum. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' din il-prassi ntweriet biżżejjed mill-Kummissjoni, li bbażat ruħha fuq diversi rapporti internazzjonali. F'dan il-kuntest, **il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali,** qabel ir-reġistrazzjoni tagħha, l-introduzzjoni u l-eżami tagħha**, hija pass essenzjali fil-proċedura għall-għoti ta' din il-protezzjoni u li l-Istati Membri ma jistgħux idewmuha b'mod mhux iġġustifikat**. Għall-kuntrarju, **dawn tal-aħħar għandhom jiżguraw li dawk ikkonċernati jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjoni, inkluż fil-fruntieri, minn meta jesprimu r-rieda jagħmlu dan.**

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma, kif diġà ddeċidiet dan l-aħħar[9], **li l-obbligu impost fuq l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali sabiex jibqgħu f'waħda miż-żoni ta' tranżitu matul il-proċedura kollha għall-eżami tal-applikazzjoni tagħhom jikkostitwixxi detenzjoni,** fis-sens tad-direttiva "akkoljenza"[10]. Wara din il-kjarifika, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din is-sistema ta' detenzjoni ġiet stabbilita barra mill-każijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni u mingħajr rispett għall-garanziji li normalment għandhom jirregolawha.

Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-każijiet li fihom jiġi awtorizzat it-tqegħid f'detenzjoni ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali huma enumerati b'mod eżawrjenti mid-direttiva "akkoljenza"[11]. Issa, wara li analizzat kull wieħed minn dawn il-każijiet, hija tikkonkludi li s-sistema Ungeriża ma tappartjeni għal ebda wieħed minnhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina b'mod partikolari l-ipoteżi li biha Stat Membru jista' jqiegħed applikant għal protezzjoni internazzjonali f'detenzjoni sabiex jagħti deċiżjoni dwar id-dritt tad-dħul ta' dan tal-aħħar fit-territorju tiegħu, peress li din id-detenzjoni tkun tista' sseħħ fil-kuntest ta ' proċeduri implimentati fil-fruntiera, bil-ħsieb li jiġi vverifikat, qabel ma jingħata dritt ta' dħul, jekk it-talba tkunx inammissibbli jew jekk ma tkunx infondata għal ċerti raġunijiet speċifiċi[12]. Issa, **il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kundizzjonijiet li taħthom id-detenzjoni tiġi awtorizzata fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri fil-fruntiera ma humiex issodisfatti f'dan il-każ.**

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-Direttivi "Proċeduri" u "Akkoljenza" jirrikjedu, fost oħrajn, li t-tqegħid f'detenzjoni jiġi ordnat bil-miktub u motivat [13], li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-applikanti jkunu ġew identifikati bħala vulnerabbli u li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali, sabiex

---

[7] Sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság, C-924/19 PPU u C-925/19 PPU; ara wkoll Stqarrija għall-Istampa Nru° 60/20.
[8] Dan l-obbligu jirriżulta mill-Artikolu 6 tad-Direttiva "Proċeduri", moqri flimkien mal-Artikolu 3 tiegħu.
[9] Sentenza ċċitata hawn fuq tal-14 ta' Mejju 2020.
[10] Il-punt (h) tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva.
[11] L-ewwel inċiż tal-Artikolu 8(3) ta' din id-direttiva.
[12] L-ewwel inċiż tal-Punt c tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva "Akkoljenza" u l-Artikolu 43 tad-Direttiva "Proċeduri".
[13] Artikolu 9(2) tad-Direttiva "Akkoljenza".

jibbenefikaw minn “appoġġ adegwat”[14], jew li l-minorenni jitqiegħdu f’detenzjoni biss bħala l-aħħar għażla[15]. Issa, minħabba, b’mod partikolari, in-natura ġġeneralizzata u awtomatika tagħha, **ir-reġim ta’ detenzjoni previst mil-leġiżlazzjoni Ungeriża f’żoni ta’ tranżitu,** li jikkonċerna l-applikanti kollha minbarra minorenni mhux akkumpanjati taħt l-età ta’ 14-il sena**, ma jippermettix li l-applikanti jibbenefikaw minn dawn il-garanziji.**

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja **tiċħad l-argument tal-Ungerija li l-kriżi tal-migrazzjoni ġġustifikat deroga minn ċerti regoli tad-Direttivi “proċeduri” u “akkoljenza”, bil-ħsieb li jinżamm l-ordni pubbliku u tiġi ssalvagwardata s-sigurtà interna,** skont l-Artikolu 72 TFUE[16]. F’dan ir-rigward, hija tfakkar li dan l-artikolu għandu jiġi interpretat b’mod strett u tqis li l-Ungerija mħux qegħda turi biżżejjed il-ħtieġa li tirrikorri għalih. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-Direttivi “Proċeduri” u “Akkoljenza” diġà jqisu s-sitwazzjoni li fiha Stat Membru jkollu jaffaċċja żieda sinjifikattiva ħafna fin-numru ta’ applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, peress li jipprevedu, permezz ta’ dispożizzjonijiet speċifiċi, il-possibbiltà li jitwarrbu wħud mir-regoli imposti fi żminijiet normali.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Ungerija **naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva Ritorn, sa fejn il-leġiżlazzjoni Ungeriża tippermetti t-tneħħija ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirrisjedu illegalment f’territorju mingħajr ma l-ewwel tirrispetta l-proċeduri u l-garanziji previsti minn din id-direttiva** [17]. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li dawn iċ-ċittadini ġew skortati bil-forza mill-awtoritajiet tal-pulizija lejn in-naħa l-oħra ta’ għeluq mibni ftit metri mill-fruntiera mas-Serbja, fuq strixxa ta’ art nieqsa minn kwalunkwe infrastruttura. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan it-teħid lura furzat jammonta għal tneħħija, fis-sens tad-Direttiva Ritorn, peress li l-persuni kkonċernati ma jkollhomx, fil-prattika, għażla oħra ħlief li jitilqu mit-territorju Ungeriż sabiex imorru s-Serbja. F’dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li ċittadin ta’ pajjiż terz b’residenza illegali li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva “Ritorn” għandu jkun is-suġġett ta’ proċedura ta’ ritorn, b’rispett għall-garanziji materjali u proċeduri li tintroduċi din id-direttiva, qabel ma titwettaq it-tneħħija tiegħu, jekk ikun il-każ, billi jinftiehem li t-tneħħija sfurzata sseħħ biss bħala l-aħħar għażla. Barra minn hekk, għal raġunijiet simili għal dawk diġà stabbiliti, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrifjuta l-argument tal-Ungerija li kien lilha permess, skont l-Artikolu 72 TFUE, li tagħmel deroga mill-garanziji sostantivi u proċedurali stabbiliti mid-Direttiva dwar ir-Ritorn.

Fir-raba’ lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li **l-Ungerija ma rrispettatx id-dritt**, mogħti, bħala prinċipju, bid-Direttiva “Proċeduri” lil kwalunkwe applikant għal protezzjoni internazzjonali**, li jibqa’ fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat wara r-rifjut tat-talba tiegħu, sal-iskadenza tal-limitu ta’ żmien stabbilit sabiex jiġi ppreżentat rikors kontra din iċ-ċaħda jew, jekk ikun ġie appellat, sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni dwarha[18].** Il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li, fil-każ li tkun ġiet iddikjarata sitwazzjoni ta’ kriżi kkawżata minn immigrazzjoni massiva, ir-regolamenti Ungeriżi jagħmlu l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt suġġett għal proċeduri li ma jikkonformawx mad-dritt tal-Unjoni, b’mod partikolari l-obbligu li wieħed jibqa’ f’żoni ta’ tranżitu, li huwa simili għad-detenzjoni li tmur kontra d-direttivi “Proċeduri” u “Akkoljenza”. Barra minn hekk, fil-każ li sitwazzjoni bħal din ma tkunx ġiet iddikjarata, l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt huwa suġġett għal kundizzjonijiet li, mingħajr ma jkunu neċessarjament kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni, ma humiex previsti b’mod ċar biżżejjed u preċiż sabiex jippermetti lill-partijiet interessati jkunu jafu l-portata eżatta tad-dritt tagħhom u biex jevalwaw il-kompatibbiltà ta’ dawn il-kundizzjonijiet mad-direttivi “Proċeduri” u “Akkoljenza”.

---

**NOTA:** Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista’ jippreżenta rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

---

[14] Artikolu 24(3) tad-Direttiva “Proċeduri”.
[15] Artikolu 11(20 tad-Direttiva “Akkoljenza”.
[16] Dan l-artikolu jipprevedi li d-dispożizzjonijiet li jidhru taħt it-Titolu V tat-Trattat FUE, dwar l-ispazju ta’ sigurtà, ta’ libertà u ta’ ġustizzja, li tagħhom jagħmlu parti tar-regoli dwar il-protezzjoni internazzjonali, ma jippreġudikawx l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-Istati Membri għaż-żamma tal-ordni pubbliku u tas-salvagwardja tas-sigurtà interna.
[17] Dawn il-garanziji huma b’mod partikolari previsti fl-Artikolu 5, 6(1), 12(1) u 13(1) tad-Direttiva “Ritorn”.
[18] Artikolu 46(5) tad-Direttiva “Proċedura”.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*